Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Mario Tabone Vassallo

Vs

Epic Communications Ltd

CCT 36/23/CC

Illum 24 ta' Gunju, 2025

It-Tribunal;

Ra t-Talba ta' l-attur ippreżentata fit-23 ta' Frar 2023, fejn talab hlas ta' l-ammont ta' inqas minn €1,165 (elf, mija u hamsa u sittin ewro), rigwardanti servizz ta' telefon cellulari mixtri minghand is-socjeta intimata.

Ra li s-socjeta intimata Epic Communications Ltd debitament notifikata bl-Avviz tat-Talba u tas-Smigh ta' din il-procedura, ma ippreżentat l-ebda risposta, u ghalhekk fil-bidu ta' din l-istanza kienet fi stat ta' kontumacja.

Ili rrizulta li l-istess socjeta intimata, fid-9 ta' Gunju 2023 ippreżentat rikors ghal gustifikazzjoni tal-kontumacja, liema talba giet milqugha. Fit-13 ta' Gunju 2023, is-socjeta intimata intavolat risposta, fejn ikkontestat it-talba avvanzata mill-attur, ghar-ragunijiet elenkati fl-istess risposta.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' u ha konjizzjoni tal-provi dokumentarji tal-partijiet.

Sema' s-sottomisjonijiet orali tal-partijiet.

Ikkunsidra;

Illi jirrizulta li l-attur f'Lulju tas-sena 2022 ecceda f'hanut tas-socjeta intimata sabiex jixtri telefon cellulari. L-attur jispjega li huwa ma xtaqx jonfoq hafna, u informa b'dan lil rapprezentant tas-socjeta intimata li kien fil-hanut. Ir-rapprezentant tas-socjeta intimata issugerielu li huwa seta' jhallas ammont ta' €360 (tlett mija u sittin ewro), liema ammont kien jinkludi l-ammont ta' €300 (tlett mitt ewro) bhala prezz tat-

telefon cellulari, €60 (sittin ewro) bhala imghax, fuq perjodu ta' tlett snin. Dan l-ammont kien ukoll jinkludi s-servizz tat-telefonija, messaggi u servizz ta' wi-fi. L-attur jispjega li huwa accetta din l-offerta, u ffirma d-dokumenti pprovduti.

Illi l-attur jispjega li gurnata wara, huwa gie kkuntatjat mir-rapprezentant tas-socjeta intimata li kien hemm xi varjazzjoni fil-prezz, izda l-attur minnufih infurmah li huwa ma kienx lest li jhallas oltre dak li kien infurmat fil-gurnata ta' qabel. L-attur jispjega li r-rapprezentant li kien ikkuntatjah, skuza ruhu, u accertah li l-ftehim tal-gurnata ta' qabel kien validu.

Illi in segwitu, l-attur jispjega li beda jircievi l-kontijiet minghand is-socjeta intimata, u huwa immedjatament ikkuntatja lis-socjeta intimata jilmenta dwar dan.

Illi s-socjeta intimata tikkontesta l-versjoni avvanzata mill-attur, b'dan li tispjega li hija ma toffri l-ebda ftehim ghal dak kif sottomess mill-attur. Il-kontestazzjoni ewlenija tirrizulta fil-fatt li t-telefon cellulari ma jinkludix ukoll s-servizz tat-telefonija, messaggi u servizz ta' wi-fi, liema servizzi ghandhom jithallsu apparti mill-klijent.

Illi jirrizulta li precedentement ghal l-intavolar ta' dawn il-proceduri, kien hemm diversi skambji bejn il-partijiet, u jirrizulta wkoll li fil-bidu tad-dizgwid, l-attur kien sahansitra offra li jirritorna t-telefon cellulari.

Illi t-Tribunal jirrileva li fl-ewwel lok, l-attur qed jitlob hlas ta' l-ammont ta' inqas minn €1,165 (elf, mija u hamsa u sittin ewro). Fic-cirkostanzi tal-kaz, it-talba ghal hlas da parti tas-socjeta intimata ma tistax tigi milqugha, u dan stante li ma hemm l-ebda kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-attur inghata servizz mis-socjeta intimata. Inoltre, ma gie pprovdut l-ebda rendikont, jew alternattivament x'jirraprezenta dan l-ammont reklamat. Madankollu, t-Tribunal, mill-provi avvanzati mill-partijiet, huwa konvint li l-attur ma riedx li huwa jintrabat f'kuntratt ta' telefon cellulari, b'kontijiet mensili ghas-servizzi ta' telefonija.

Illi in vista tal-premess, u tenut kont tal-provi dokumentarji pprezentati fl-atti ta' dawn il-proceduri, it-Tribunal qieghed jiddikjara li l-kuntratt iffirmat bejn l-attur u s-socjeta intimata datat 3 ta' Lulju 2022 gie tterminat fit-23 ta' Frar 2023, li hija d-data meta l-attur intavola dawn il-proceduri. L-attur ghandu jhallas ghal kwalsiasi ammont bilancjali fuq servizzi ta' telefonija li huwa uza fil-perjodu bejn it-3 ta' Lulju 2022 u t-23 ta' Frar 2023. Tenut kont li ma ma giet ipprezentata l-ebda prova dwar l-istat attwali tac-cellulari, u ma saret l-ebda talba sabiex l-istess ghandu jigi ritornat, l-attur ghandu jzomm it-telefon cellulari.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet fuq premessi u fic-cirkostanzi tal-kaz, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talba

avvanzata mill-attur ghal hlas ta' l-ammont ta' inqas minn €1,165 (elf, mija u hamsa u sittin ewro) minghand is-socjeta intimata, filwaqt li l-partijiet ghandhom jirregolaw ruhhom skond dak stipulat fil-paragrafu precedenti.

Kull parti ghandha thallas l-ispejjez inkorsi minhha f'dawn il-proceduri.

Avv. Dott. Charmaine Cherrett

Arbitru